

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni ta' għoti, li l-kontenut u d-dettalji tagħha ma humiex magħrufa, u li ġiet ikkomunikata permezz tannota tal-20 ta' Lulju 2016 Ref. Ares (2016) 371182, li permezz tagħha l-Kummissjoni Ewropea, JRC – Ġestjoni tas-sit ta' Ispra tat il-kuntratt JRC/IPR/2016/C.4/000S/OC relatat mal-ftehim qafas għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni u ta' manutenzjoni ta' pajpijiet tal-ilma u ta' substansjoni ta' tisħin u tkessieħ fi ħdan iċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka ta' Ispra, lil Carmet S.A.S di Fietta Graziella & C.
- tannulla n-nota tal-20 ta' Lulju 2016 Ref. Ares (2016) 371182 li permezz tagħha l-Kummissjoni Ewropea, JRC – Ġestjoni tas-sit ta' Ispra kkomunikat ir-riżultat tas-sejħa għal offeriti.
- tannulla l-proċessi verbali tat-13 ta' Mejju 2016 u tat-28 ta' Ġunju 2016;
- prinċipalment, tipprovdi kumpens għad-dannu mġarrab, fforma speċifika, b'mod partikolari permezz ta' dikjarazzjoni ta' nullità, ta' annullament jew ta' ineffikaċja tal-kuntratt, li l-kontenut u d-dettalji tiegħu ma humiex magħrufa, konkluż bejn il-Kummissjoni u Carmet S.A.S di Fietta Graziella & C fid-19 ta' Awwissu 2016, kif ukoll bis-sostituzzjoni ta' RTI mal-kumpannija ċċitata iktar 'il fuq bħala offerent;
- sussidjarjament, tipprovdi kumpens għad-dannu mġarrab, fforma pekunjarja, li jammonta għal EUR 500 000 jew l-ammont, ogħla jew inqas, li l-Qorti Ġenerali tqis li huwa xieraq, flimkien mal-interessi u r-rievalwazzjoni monetarja fid-data tal-ħlas.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw il-motivi li ġejjin: il-ksur tal-Artikoli 105 u 107 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Ottubru 2012, dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU 2012 L 298, p. 1), il-ksur tal-*lex specialis* fir-rigward tas-sejħa għal offeriti inkwistjoni, il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' smiġh xieraq, kif ukoll użu ħażin ta' poter.

Fdan ir-rigward, huwa sostnut li l-offerta ppreżentata mill-offerenti jmissha ġiet eskluża inkwantu ma kinitx tissodisfa r-rekwiżiti ta' kapaċità ġuridika u teknika previsti mil-*lex specialis*.

Rikors ippreżentat fit-22 ta' Ottubru 2016 – QH vs Il-Parlament

(Kawża T-748/16)

(2017/C 022/53)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: QH (Woluwé Saint Pierre, il-Belġju) (rappreżentanti: N. Lhoëst u S. Michiels, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni tas-26 ta' Jannar 2016 li tiċħad it-talba tar-rikorrent għal assistenza u, konsegwentement, tannulla d-deċiżjoni tat-12 ta' Lulju 2016 li tiċħad l-ilment tiegħu, u tagħti lir-rikorrent kumpens għad-dannu li huwa allegatament ġarrab;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrent jinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq kunflitt ta' interessi, ksur tad-drittijiet tad-difiża, ksur tal-prinċipju ta' kontradittorju, ksur tal-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet u ksur tal-Artikoli 41(2) u 42 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni fil-ħatra tal-investigatur, nuqqas ta' indipendenza u ta' imparzjalità tal-investigatur u ksur mill-investigatur tal-mandat tiegħu.
3. It-tielet motiv, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni ta' deċiżjoni li tagħlaq investigazzjoni amministrattiva.
4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq ksur tad-dritt għal amministrazzjoni tajba u tad-dmir ta' premura.
5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni tal-motivi li jkkaratterizzaw il-fastidju psikoloġiku.

Rikors ippreżentat fid-9 ta' Novembru 2016 – Il-Gvern ta' Ġibiltà vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-783/16)**

(2017/C 022/54)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet**

Rikorrent: Il-Gvern ta' Ġibiltà (Ġibiltà) (rappreżentanti: M. Llamas, QC, J. Temple Lang, solicitor, F.-C. Laprèvote u C. Froitzheim, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-1 ta' Ottubru 2014 fil-każ tal-għajnuna mill-Istat SA.34914(C/2013) (ex 2013/NN) – Reġim tat-Taxxa fuq l-Introjtu Korporattiva ta' Ġibiltà;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż legali u għal spejjeż oħra relatati ma din il-kwistjoni sostnuti mir-rikorrent.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li d-deċiżjoni kkontestata, sa fejn fiha ġie deċiż li d-deċiżjonijiet tat-taxxa ("tax ruling") jistgħu jkunu għajnuna ġdida, hija vvizzjata bi żbalji ta' fatt u ta' liġi u hija bbażata fuq motivazzjoni insuffiċjenti.

Insostenn ta' dan il-motiv ir-rikorrent isostni dan li ġej: l-ewwel nett, li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta ma ddeċidietx, sa mill-bidu, li jekk il-prattika tad-deċiżjonijiet tat-taxxa jew id-deċiżjonijiet tat-taxxa individwali jitqiesu li jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, dawn ikunu għajnuna eżistenti; it-tieni nett, li l-Kummissjoni wettqet żball ta' fatt meta affermat li s-Sezzjoni 42 tal-att dwar it-taxxa fuq id-dħul tal-2010 hija l-bażi legali tad-deċiżjonijiet dwar it-taxxa; u t-tielet nett, li d-deċiżjoni ma hijiex immotivata fejn ġie ddikjarat li l-prattika ta' deċiżjonijiet tat-taxxa tikkostitwixxi għajnuna ġdida, dikjarazzjoni li hija kkontradetta mill-asserzjoni li l-prattika ta' deċiżjonijiet tammonta għal "*de facto* scheme [skema *de facto*]".

2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li d-deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata minn żbalji ta' fatt u ta' liġi u hija bbażata fuq motivazzjoni insuffiċjenti.